**27 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Cutajar et.

*versus*

Giuseppe Cutajar et.

**Ormeġġ — Art. 344 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Marbat jew ormeġġ li jiġi pratikat fil-blat f'xatt il-baħar ma jistgħax jiġi akkwistat miċ-ċittadin privat bħala proprjetà; għax il-blat fejn isiru l-ħofor jew it-toqob li magħhom is-saffieda jorbtu l-oprі tagħhom tal-baħar huwa demanjali, u bħala tali huwa inaljenabbli u "extra commercium", u lanqas ma huwa suxxettibbli għall-preskrizzjoni.*

*Fil-prattika, però, hemm il-konswetudini, tollerata mill-Gvern, illi min jagħmel użu ta' ormeġġ jibqa' jgawdi dak l-użu, u l-ormeġġ jibqa' għalieh, sakemm hu ma jabbandunahx.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u pprovvediment opportun, peress li l-awturi tal-atturi, u ċjoè Carmelo Cutajar in-nannu tagħhom u Rocco Cutajar missier l-istess atturi, u żewġ l-attriċi Carmela Cutajar, kellhom il-proprjetà ta' marbat, jew aħjar ormeġġ, maqtugħ fil-blat f'Wied iż-Żurrieq, limiti Qrendi, li jaħbat is-sitt wieħed minn barra għal ġewwa, ċjoè minn naħa ta' Filfla, jew

aħjar minn nofs inhar; peress li Rocco Cutajar kien silef dan il-marbat lil Emmanuele Tonna mingħajr ma l-istess Tonna qatt ħallas xejn għall-użu tiegħu, u għalhekk kien qiegħed jokkupah prekarjament; peress li Emmanuele Tonna silef il-marbat lil Giovanni Mifsud, u dan Mifsud ippermetta lill-konvenuti jużawh, u attwalment qegħdin jokkupawh, u għadda l-istess marbat lill-konvenuti; peress li l-konvenuti rrifjutaw li jikkonsenjaw u jħallu liberu dan il-marbat favur l-atturi kif espressament mitluba; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li dan il-marbat, ġa appartenenti lill-awturi tal-atturi, huwa ta' proprjetà tal-atturi; u l-konvenuti jiġu ordnati jiżgumbraw u jħallu liberu l-imsemmi marbat fi żmien qasir u perentorju; u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal kwalunkwe kawżali oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru 1957;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher li l-atturi qegħdin jippretendu dritt ta' proprjetà ta' marbat jew irmeġġ sive ormeġġ f'Wied iż-Żurrieq, limiti tal-Qrendi, u ċjoè is-sitt marbat minn barra għal ġewwa, idest mid-direzzjoni ta' Filfla għad-direzzjoni tal-art, li miegħu Carmelo Cutajar, in-nannu tagħhom, u Rocco Cutajar, missierhom, jippretendu li kellhom ta' proprjetà tagħhom, u li l-istess Rocco Cutajar — l-instanti jallegaw — kien silef lil Emmanuele Tonna bla flus u għas-sempliċi użu tiegħu, b'mod li l-istess Tonna kien qiegħed jokkupah prekarjament, u peress li Tonna alla sua volta silfu lil Giovanni Mifsud, u dan l-aħħar imsemmi mill-parti tiegħu ippermetta lill-konvenuti jużawh u jokkupawh;

Illi, kif huwa risaput, l-għaliex huwa fatt notorju u viżibbli għal min imur fuq il-post imsemmi fl-att promotorju tal-ġudizzju, li dawn l-ormeġġi lokali, li jagħmlu kostantement użu minnhom is-sajjieda, jistgħu jikkonsistu minn ħoloq iffissati mar-riva jew anki mòl tad-daħliet, jew anki minn ħofor fil-blat pratikati mill-istess sajjieda fuq

l-isponda tal-istess rifuġji terrestri naturalment eżistenti, li fihom jidħol il-baħar, u fejn id-dgħajjes jirriparaw. F'Wied iż-Żurrieq, fejn hemm dħul ta' baħar f'insenatura relattivament żgħira, li fiha jirriparaw id-dgħajjes tassajjieda u jormeġġjaw meta l-istess dgħajjes jew qoxor tal-baħar ma jiġux imtellgħa fuq l-art per mezz tal-iskal li hemm, l-ormeġġi jew marbatijiet jikkonsistu tant f'ħoloq kemm f'toqob imħaffrin fil-blat; u ġie li s-sajjieda fil-blat di fronti għal dak fejn hemm sew il-ħoloq jew it-toqob, jorbtu ħabel minn banda għall-oħra tal-ispondi ta' dik l-insenatura, b'mod li t-tul ta' dak l-istess ħabel ikun ferm aktar twil mill-wisa' tal-insenatura, sabiex jiġi abbandunat taħt il-wiċċ tal-baħar u ma jostakolax in-navigazzjoni ġewwa l-insenatura, u sabiex b'hekk aktar minn koxra waħda, u ċjoè dik ta' ħdejn l-isponda direttament mal-ħoloq jew ħofor fil-blat u oħra jew oħrajn aktar għannofs tal-insenatura mal-ħabel abbandunat kif fuq intqal;

Illi, għalkemm din il-Qorti fittxet ħafna sabiex tara qif jiġu regolati dawn l-ormeġġi jew marbatijiet, eppure ma rnexxielhiex issib ebda liġijiet jew regolamenti partikulari dwarhom; b'mod li, fl-assenza ta' dawn, il-każi li jiġu quddiemha, bħall-każ in diżamina, iridu jiġu regolati skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt u l-użanzi lokali, fejn dawn jistgħu jgħinu;

Illi l-ewwel riċerka, kwindi, fil-każ odjern, hija jistgħax ikun li ċittadin jirreklama d-dritt ta' proprjetà fuq dawn l-ormeġġi li ssemmew; għax dwar ormeġġi natanti l-materja tista' tiġi determinata u hija forsi riżolubbli aktar faċilment;

Illi mill-art. 344 tal-Kodiċi Ċivili jitnissel li l-ħwejjeġ kollha, sew mobili kemm immobili, jistgħu jkunu tant oġġett ta' proprjetà publika kemm privata. Mid-dottrina nafu — l-għaliex il-liġi tagħna, a differenza tal-liġi ċivili taljana l-antika (art. 426), ma ssemmix id-distinzjoni tal-beni ta' proprjetà publika, illi dawn il-beni jistgħu jkunu distinti f'beni demanjali jew f'beni patrimonjali. Fost il-beni ta' dominju publiku jidħlu xatt il-baħar, l-insenaturi, u l-ispjaġġi;

Illi fid-dottrina jidher li dwar il-beni demanjali hemm kunsens ġenerali li l-istess huma inaljenabbli, kif ukoll li l-eżerċizzju tagħhom huwa ġenerali. Bħala konsegwenza tal-inaljenabbilità tagħhom, l-istess huma "extra commercium"; u kwindi lanqas huma suxxettibbli għall-preskrizzjoni (ara art. 2219 tal-Kodiċi Ċivili, u Voet Liber XLI, Titolus III, para. 12, u Pothier, Della Prescrizione, para. 14 u 16);

Illi kwindi, di fronti għal u fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, it-talba attriċi ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur; l-għaliex l-atturi, u anki l-awturi tagħhom, qatt ma setgħu akkwistaw drittijiet ta' proprjetà fuq l-ormeġġ in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, jekk l-atturi jew l-awturi tagħhom ma setgħux akkwistaw drittijiet ta' proprjetà fuq il-marbat in kwistjoni, huwa ġust u ekwu li din il-Qorti tara u teżamina jekk huma setgħux akkwistaw l-użu ta' dak l-istess ormeġġ (billi huwa qiegħed f'xatt il-baħar, u dan huwa ta' dominju publiku, imma fl-istess ħin intiż għall-użu ġenerali taċ-ċittadini bejniethom) in forza ta' dan l-istess użu skond il-konswetudini tollerata apertament mill-Gvern Ċivili; fi kliem ieħor, jekk l-użu notorju prevalenti fil-kuntrada msemmija bejn is-sajjieda, tollerata mill-Gvern, li min jagħmel użu ta' ormeġġ, dak l-istess marbat jibqa' għalieh ammenokkè ma jabbandunaħx, jistgħax, fuq dil-kawżali minuri u kompriża u nvoluta fil-maġġuri addotta, jiġi protett;

Illi għall-fini premess iridu jiġu premessi ċerti fatti, li fil-ħsieb tal-Qorti għandhom piż għad-deċiżjoni ta' din il-kwistjoni;

Illi mid-depożizzjoni ta' Manwel Tonna (fol. 32 u ta' wara) jirriżulta li Karmnu Cutajar, in-nannu tal-atturi, Peppu Cutajar, ħu n-nannu tal-atturi, u Caterina oħthom, omm missier ix-xhud kienu membri tal-istess familja. In-

nannu tal-attur, Karmnu Cutajar, li miet fl-annu 1922, kellu opra tal-baħar, u missier Tonna, bin Caterina nee Cutajar, *li miet fl-annu 1909 ċirka jagħmlu użu minn dan l-ormeġġ.* Peppu Cutajar ma kienx, milli jidher, jagħmel użu minnu. Dan l-użu kien isir bil-mod li min jilħaq l-ewwel kien irabbat l-opra tiegħu mal-marbat in-naħa tal-iskal, u l-ieħor irabbat aktar għan-nofs jew warajh. Dan il-"modus vivendi" kien adoperat bejn wieħed u ieħor mis-snin 1909 u 1910 ċirka sal-annu 1923. Meta s-sajjieda kienu jkunu mbgħad barra għas-sajd, kulħadd kien jagħmel użu mill-marbat; imma kif jidħol min soltu kien jużah, min ikun okkupah waqt li l-ieħor kien barra għax-xogħol kien iħoll il-koxra *tiegħu sabiex l-utenti jkun jista' jagħmel użu minnu;*

Fl-annu 1916 Roccu Cutajar, bin Karmnu u missier l-atturi, daħal suldat u biegħ il-"caique" tiegħu, u ma baqgħax jistad, u l-marbat in kwistjoni baqa' f'idejn missier Manwel Tonna. Kif spiċċat il-gwerra 1914-1918, missier Tonna miet, u l-marbat in kwistjoni baqa' f'idejn ix-xhud Tonna, u ppermana għandu sal-annu 1954 ċirka, u *f'dan iż-żmien* ħadd ma kellmu fuqu. Jingħad ukoll li skond dan l-istess xhud, għall-ħabta tal-annu 1928 il-Gvern Ċivili ikkostruwixxa l-môl preżenti, u l-ormeġġ antik (sostitwit b'dak in kwistjoni) kien ġie kompletament obliterat; imma l-istess Tonna, li kien sajjied, ħaffer fil-post fejn kien hemm qabel l-ormeġġ li kien qiegħed juża, u baqa' jużah sal-1954. Meta Tonna kien jeżerċita l-mestjer ta' sajjied, kellu miegħu lil ċertu Ġanni Mifsud, li huwa kien rabba; u meta fl-annu 1946 Tonna biegħ il-"caique" tiegħu u Mifsud xtara luzzu żgħir bil-mutur, Mifsud beda bil-kunsens ta' *Tonna jrabbat l-opra* tiegħu mal-ormeġġ in kwistjoni, sakemm Tonna fl-aħħar ħallieh f'idejn l-istess Mifsud;

Dan l-aħħar imsemmi, bl-iskrittura li tinsab fil-fol. 99 tal-proċess, alla sua volta għaddieh għall-użu lill-konvenuti, bil-kondizzjoni li l-istess konvenuti ma jkollhom ebda ġjus fuqu, u li jiċċessaw mid-dgawdija ta' dan l-użu malli Mifsud jinfurmahom bil-fomm. Jirriżulta wkoll mill-istess xhud, li meta Rocco Cutajar, missier l-atturi, li miet fl-annu 1950, fl-annu 1920 ħareġ minn suldat u reġà ta ruħu għas-

sajd, huwa qatt ma raġà rabat ma dan l-ormeġġ tal-iskal, lanqas meta għal sentejn u nofs (wara l-annu 1920) kellu "caique" tiegħu li kien xtara wara li ħareġ minn suldat; imma sakemm kellu dik l-opra (li damet għandu xi sentejn u nofs) kien rabatha biss darba fis-sajf, qabel ma tfarrkitlu, imma mhux ħdejn l-iskal, iżda wara dik ta' Tonna;

Illi minn dan jitnissel li missier l-atturi kien ilu ma jagħmel użu mll-ormeġġ imsemmi żmien twil ħafna; l-għaliex anki meta għamel użu minnu fis-sajf ta' ċirka l-annu 1923, u f'dik l-epoka kien rabat l-opra li kellu wara dik ta' Tonna li kienet ormeġġjata mal-iskal sal-annu 1950, meta miet (ara dep. Cla. Cutajar fol. 14) għaddew sebgħa u għoxrin sena, u sal-jum taċ-ċitazzjoni ħamsa u tletin sena — żmien suffiċjenti biex in-nuqqas tal-eżerċizzju tal-użu jista' jingħad li ġie abbandunat. Bħala konferma ta' dan l-abbandun jingħad li Rocco Cutajar refa' mix-xogħol tas-sajd fl-annu 1941 (ara depożizzjoni ta' martu fol. 15), u non ostanti li kien jaf li Tonna kien qiegħed juża dak l-ormeġġ ma nsistiex miegħu biex jirriżerva xi dritt tal-użu li kellu fuq dak il-marbat, jekk qatt kellu xi dritt li kien għadu ħaj u eżistenti. Dan il-fatt negattiv jissorreġġi l-fatt tal-abbandun, l-għaliex "diligentibus jura prosunt";

Illi huwa minnu li ntqal li Tonna, meta ċirka f'nofs l-annu 1956 ġie avviċinat mill-attur Giuseppe Cutajar fuq dan l-ormeġġ, akkonsenta li l-atturi jieħduh; imma din il-Qorti, fuq id-depożizzjoni ta' Tonna, li jinnega dan il-fatt, u skond dak li bniedem għandu jaħseb li rrisponda Tonna għar-rikjesta tal-instanti msemmi mħabba ċ-ċirkustanzi di fatto li kienu ntervjenew (bejn Tonna u Mifsud), mhix soddisfatta li kien hemm dik il-promessa;

Illi l-attur Giuseppe Cutajar mhuwiex sajjied, imma dilettant (ara depożizzjoni Carmela Cutajar fol. 15 u depożizzjoni tal-istess attur Giuseppe Cutajar fol. 68). Lanqas l-atturi Toni Cutajar, Xandru Mallia, Mikiel Camilleri, u Geraldu Magri ma huma sajjieda (ara depożizzjoni Francesco Cutajar fol. 116). Carmelo Camilleri huwa sajjied (ara depożizzjoni tiegħu fol. 89), imma minn dejjem jorbot

ma' marbat ieħor ta' ħadd ieħor. Mikiel Caruana kien sajjied sal-annu 1939, imma l-lum ma għadux (ara depożizzjoni tiegħu fol. 88). Imma l-konvenuti huma kollha sajjieda;

Ikkunsidrat;

Ilil kwindi, anki minn dan l-aspett, it-talba attriċi mhix ta' min jilqagħha bil-favur;

Illi l-konvenuti ppruvaw li l-persuni li minnhom għandhom kawża, taħt l-aspett imsemmi subordinatament sottomess, kellhom anki l-eżerċizzju ta' dak il-marbat, li huma qegħdin igawdu bil-mod li ntqal u bl-intelliġenza fuq imsemmija;

Għalhekk;

Prevja, jekk hemm bżonn, li tiddikjara li ma hemmx lok tal-kjamata in kawża tal-persuni msemmija fin-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenuti, taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż kollha għall-atturi.